A.L. 408 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor in Dance Studies (Honours) taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Mediterran

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tal-Mediterran bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor in Dance Studies (Honours) taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Mediterran.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tal-Mediterran;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor in Dance Studies (Honours);

"l-Istitut" tfisser l-Istitut tal-Mediterran;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor in Dance Studies (Honours); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2004 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2010 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, jkollhom esperjenza ta' żfin għall-anqas sal-livell Intermedju minn istituzzjoni taż-żfin rikonoxxuta (Royal Academy of Dance, Cecchetti, Imperial Society of Teachers of Dancing, British Ballet Organisation, jew l-ekwivalenti).

(2) L-applikanti jkunu meħtieġa joqogħdu għal intervista/*audition*.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full-time* jew ħames snin fuq bażi *part-time* meta l-Kors ikun offrut fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju qabel il-bidu ta' kull Kors. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord jista' jkun kostrett li jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti kif indikat fil-programm ta' studju li qegħdin isegwu għall-Grad, sakemm li l-programmi ta' studju jkunu mfassla skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali.

6. L-istudenti jkunu meħtieġa jirreġistraw u jiksbu l-kredti għat-taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 180 kredtu.

7. L-istudenti li jtemmu b'suċċess il-programm ta' studju tal-ewwel sena tal-Kors li għaliha hemm assenjati 60 kredtu u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma in Dance Studies.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

8. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-għan tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-rizultati miksuba fit-tlett snin tal-Kors, li għandhom jiġu mwieżna kif ġej:

Marka Medja tal-Ewwel Sena	30%
Marka Medja tat-Tieni Sena	30%
Marka Medja tat-Tielet Sena	40%.